

32003R0006

4.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 1/45

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 6/2003**tat-30 ta' Diċembru 2002****dwar it-tixrid ta' l-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li tiġi sfruttata kemm jista' jkun possibbli l-informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, riferita fir-Regolament (KE) Nru 1172/98, filwaqt li tiġi rrispettata s-segretezza tar-reġistrazzjonijiet ta' l-informazzjoni individwali.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat livell raġionevoli tal-kwalità fit-tagħrif imxerred u ż-żamma tas-serje ta' statistika eżistenti.
- (3) Huwa meħtieġ illi ċerta informazzjoni tkun magħmula disponibbli lill-Istati Membri sabiex tikkompleta l-koperatura statistika tat-trasport bit-triq fil-livell nazzjonali.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Programm Statistiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reġistrazzjonijiet ta' l-informazzjoni individwali trasmessi lill-Kummissjoni (l-Eurostat) skond ir-Regolament (KE) Nru 1172/98 għandhom jintużaw sabiex jinbnew it-tabelli statistiċi li

jkun fihom il-valuri aggregati miksuba bil-ġabra ta' l-informazzjoni li tibbaża ruħha fuqhom. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha xxerred it-tabelli statistiċi li jirriżultaw skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti l-Artikoli 2 u 3.

Artikolu 2

It-tixrid għandu jiġi awtorizzat għat-tabelli statistiċi elenkati fl-Anness.

Artikolu 3

1. It-tixrid tat-tabelli lil utenti oħra għajr lill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri għandu jkun bla ħsara għall-kondizzjoni li kull ċellola għandha tkun imsejsa fuq mill-inqas 10 reġistrazzjonijiet ta' vetturi, jiddependi mill-varjant ittabulat. Meta ċellola tiġi msejsa fuq inqas minn 10 reġistrazzjonijiet ta' vetturi, għandha tiġi aggregata maċ-ċelloli l-oħra, jew mibdula u b'sinjal xieraq. It-Tabelli riferiti fl-punt A ta' l-Anness għandhom jitħallew barra minn din ir-regola.

2. It-tabelli li jinkludu l-valuri aggregati msejsa fuq inqas minn 10 reġistrazzjonijiet tal-vetturi jistgħu jiġu forniti lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-istatistika Komunitarja tat-trasport fl-Istati Membri, bil-kondizzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali japplikaw il-kondizzjoni ddikjarata fil-paragrafu 1 għal kull tabella mxerreda lil utenti oħra.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-30 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 163, tas-6.6.1998, p. 1.

ANNEX

IL-LISTA TAT-TABELLI GĦAT-TIXRID

A. Il-kontinwità tat-tabelli eżistenti

Sabiex tinżamm il-kontinwità, it-tabelli eżistenti jistgħu jiġu mxerrda mill-Kummissjoni (l-Eurostat).

B. It-tabelli prinċipali

Jistgħu jiġu mxerrda s-settijiet u s-subsettijiet tat-tabelli li ġejjin.

It-Tabella	Id-Deskrizzjoni in-Nota 1	Il-Perjodu taż- żmien tar-Riferi- ment	L-Unitajiet In-Nota 2	Noti
B1	Is-Sommarju ta' l-attività skond it-tip tal-ħidma u t-tip tat-trasport	Is-Sena, il-kwart tas-sena,	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Vetturi-kilometri	In-Nota 3 In-Nota 4
B2	It-Trasport, skond it-tip tal-hidma	Is-Sena, il-kwart tas-sena,	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri	Nota 3
B3	It-Trasport, skond it-tip tal-merkanzija	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri	
B4.1	It-Trasport internazzjonali, skond il-pajjiż tat-tagħbija u l-ħatt (it-total tal-pajjiżi kollha tar-rappurtaġġ)	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri	
B4.2	Bħal għat-tabella B4.1, imma bit-tqassim waħda waħda miżjud skond it-tip tal-merkanzija.	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri	
B4.3	It-Trasport internazzjonali, skond il-pajjiż tat-tagħbija u tal-ħatt (bit-tqassim waħda waħda skond il-pajjiż tar-rappurtaġġ)	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri	
B4.4	Bħal għat-tabella B4.3, imma biż-żieda tat-tqassim waħda waħda skond it-tip tal-merkanzija.	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri	
B5.1	It-trasport, skond ir-reġjun tat-tagħbija	Sena	1 000 t Miljuni ta' trunnelli metri-kilometri Il-Movimenti	
B5.2	It-Trasport, skond ir-reġjun tal-ħatt	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Il-Movimenti	
B6.1	It-Trasport, skond il-klassi tad-distanza	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B6.2	Bħal għat-tabella B6.1, imma biż-żieda tat-tqassim waħda waħda skond it-tip tal-merkanzija.	Sena	1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B7	It-Trasport, skond il-konfigurazzjoni tal-fus	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-km Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B8	It-trasport, skond l-għomor tal-vettura	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	

It-Tabella	Id-Deskrizzjoni in-Nota 1	Il-Perjodu taż-żmien tar-Riferiment	L-Unitajiet In-Nota 2	Noti
B9	It-Trasport, skond il-piż massimu permissibbli tal-vettura	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B10	It-Trasport, skond il-kapaċità tat-tagħbija tal-vettura	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni a' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B11	It-Trasport, skond il-fergħa tan-NACE	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B12	Il-Movimenti tal-vetturi, imgħobbija u battala	Sena	Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B13.1	Il-Movimenti tal-vetturi tat-transitu, skond il-pajjiż tat-transitu, imgħobbija/battala u skond il-piż massimu permissibbli (it-total tal-pajjiżi kollha tar-rappurtaġġ)	Is-Sena,	1 000 t Il-Movimenti	
B13.2	Il-Movimenti tal-vetturi tat-transitu, skond il-pajjiż tat-transitu (bit-tqassim wieħed wieħed tal-pajjiż tar-rappurtaġġ)	Sena	1 000 t Il-Movimenti	
B14	It-Trasport ta' l-oġġetti perikolużi, skond it-tip ta' l-oġġetti perikolużi	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
B15	It-Trasport, skond it-tip tat-tagħbija	Sena	Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljuni ta' vetturi-kilometri Il-Movimenti	
In-Nota 1	Għajr fejn iddikjarat xorta oħra, it-tabelli jinkludu t-tqassim waħda waħda mill-pajjiż tar-rappurtaġġ.			
In-Nota 2	Il-miżuri li ġejjin jiġu kkalkolati internament għat-tabelli kollha: 1 000 t Miljuni ta' tunnelli metri-kilometri Miljun vettura-kilometri (imgħobbija, battala) Il-Movimenti (imgħobbija, battala) In-numru tar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi użati sabiex tiġi kkalkolata ċ-ċellola fit-tabella Din il-kolonna tindika l-miżuri li jridu jiġu normalment offruti lill-utenti. Jistgħu jixxerrdu miżuri u unitajiet oħra jekk mitluba mill-utenti. Skond il-ħtiġiet ta' l-utenti, it-tabelli jistgħu jiġu bbażati fuq il-varjanti li jkollhom x'jaqsmu mal-vjaġġi (it-tagħrif mis-settijiet ta' l-informazzjoni fil-A2) jew fuq il-merkanzija li jkollha x'taqsam mal-ħidmiet tagħrif mis-settijiet ta' l-informazzjoni fil-A3) (ara r-Regolament (KE) 1172/98). Il-movimenti jkunu għal-hekk mmarkati jew bħala n-numru tal-vjaġġi jew bħala n-numru ta' ħidmiet tat-trasport. Il-movimenti tat-transitu jkunu mmarkati ta' hekk.			
In-Nota 3	It-tip tal-ħidma tiġi mqassma waħda waħda kif ġej: – Il-Vjaġġ nazzjonali: il-postijiet tat-tagħbija u tal-ħatt it-tnejn fil-pajjiż tar-rappurtaġġ – Il-Vjaġġ intenazzjonali: Il-postijiet tat-tagħbija jew tal-ħatt jew it-tnejn f'pajjiżi oħra għajr fil-pajjiż tar-rappurtaġġ (= is-somma ta' l-erba' kategoriji) (li minnhom) – għall-estern (il-merkanzija mgħobbija fil-pajjiż tar-rappurtaġġ): il-vjaġġ jibda fil-pajjiż tar-rappurtaġġ, itemm xi mkien ieħor – lejn l-intern (il-merkanzija maħtuta fil-pajjiż tar-rappurtaġġ): il-vjaġġ jibda xi mkien ieħor, item fil-pajjiż tar-rappurtaġġ – il-kummerċ inkroċjat: vjaġġ bejn żewġ pajjiżi oħra għajr il-pajjiż tar-rappurtaġġ – il-kabutaġġ: il-vjaġġ bejn postijiet ġo pajjiż ieħor għajr il-pajjiż tar-rappurtaġġ.			
In-Nota 4	It-tfassil ta' din it-tabella hija murija fit-taqsim E ta' dan l-Anness.			

C. It-Tabelli dwar il-kabutaġġ

Sabiex jiġi pprovdut it-tagħtif dwar il-kabutaġġ ekwivalenti għal dak disponibbli fir-Regolament (KE) 3118/93 ⁽¹⁾, jistgħu jiġu mxerrda s-sett tat-tabelli u s-subsettijiet ta' dawn it-tabelli li ġejjin:

	Id-Deskrizzjoni	Il-Perjodu taż-żmien	L-Unità
C1	Il-Kabutaġġ imwettaq mit-trasportaturi minn kull pajjiż tar-rappurtaġġ, skond il-pajjiż tar-rappurtaġġ	Is-Sena	It-Tunnellati metriċi-kilometri
C2	Il-Kabutaġġ imwettaq mit-trasportaturi mill-pajjiżi kollha tar-rappurtaġġ, skond il-pajjiż li fih isir il-kabutaġġ	Is-Sena	It-Tunnellati metriċi-kilometri
C3	Il-Kabutaġġ skond il-pajjiż tar-rappurtaġġ, il-pajjiż li fih isir il-kabutaġġ	Is-Sena	It-Tunnellati metriċi-kilometri

D. It-Tabelli għall-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri

Sabiex jiġu megħjuna l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri għajr il-pajjiż tar-rappurtaġġ sabiex tinbena statistika kompleta dwar il-ħidmiet tat-trasport bit-triq fit-territorju nazzjonali tagħhom, jistgħu jiġu forniti l-inkartamenti ta' l-informazzjoni aggregata li ġejjin:

	Id-Deskrizzjoni	Il-perjodu taż-żmien	Id-dimensjonijiet aggregati	L-Unitajiet ⁽¹⁾
D1	Il-Ħidmiet tat-trasport fil-livell nazzjonali (vjaġġi bit-tagħbija)	Sena	- Il-pajjiż tar-rappurtaġġ - Il-Pajjiż tat-tagħbija - Il-Pajjiż tal-ħatt - It-Tip tal-merkanzija	Tunnellati metriċi It-Tunnellati metriċi-kilometri Il-Vetturi-kilometri Il-Movimenti In-Numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi
D2	Il-Ħidmiet tat-trasport fil-livell nazzjonali (vjaġġi battala)	Is-Sena	- Il-Pajjiż tar-rappurtaġġ - Il-Pajjiż ta' l-oriġini - Il-Pajjiż tad-Destinazzjoni	Il-Vetturi-km Il-Movimenti In-Numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi
D3	Il-Ħidmiet tat-trasport fil-livell reġjonali (vjaġġi mgħobbija)	Is-Sena	- Il-Pajjiż tar-rappurtaġġ - Ir-Reġjun ta' l-oriġini - Ir-Reġjun tad-destinazzjoni	It-Tunnellati metriċi It-tunnellati metriċi-kilometri Il-Vetturi-kilometri Il-Movimenti In-Numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi
D4	Il-Ħidmiet tat-trasport fil-livell reġjonali (il-vjaġġi battala)	Is-Sena	- Il-Pajjiż tar-rappurtaġġ - Ir-Reġjun ta' l-oriġini - Ir-Reġjun tad-destinazzjoni	Il-Vetturi-kilometri Il-Movimenti In-Numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi
D5	It-Trasport tat-transitu (vjaġġi mgħobbija u battala)	Sena	- Il-Pajjiż tat-transitu - Il-Pajjiż tar-rappurtaġġ - Imgħobbija/Battala	It-Tunnellati metriċi Il-Movimenti In-Numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi

⁽¹⁾ Il-movimenti jistgħu jirreferu jew għan-numru tal-vjaġġi jew għan-numri tal-ħidmiet bażiċi tat-trasport.

Skond il-ħtiġiet ta' l-utenti, id-dimensjonijiet u l-unitajiet riferiti fit-tabelli għall-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri jistgħu jinkludu varjanti addizzjonali koperti bil-ġbir ta' l-informazzjoni skond ir-Regolament (KE) 1172/98 bla ħsara għall-qbil ta' l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 279, tat-12.11.1993, p. 1.

E. Is-Sommarju ta' l-attività skond it-tip tal-ħidma u t-tip tat-trasport

Il-Pajjiż tar-rappurtaġġ:

Is-Sena /Il-Kwart tas-sena

[illegible]